

Brussell, 29 ta' Jannar 2025
(OR. en)

5777/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0006(NLE)**

**ENV 49
MI 56
WTO 7
CHIMIE 6**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Jannar 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 18 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza tal-Partijiet fir-rigward tal-emendi tal-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 18 final.

Mehmuż: COM(2025) 18 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.1.2025
COM(2025) 18 final

2025/0006 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza tal-Partijiet fir-rigward tal-emendi tal-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjonijiet biex jiġi emendat l-Anness III billi jiżdiedu l-aċetoklor, il-karbosulfan, il-klorpirifos, l-asbestos tal-krisotil, il-fentijon (ta' formulazzjonijiet b'volum ultra baxx (ULV) ta' 640 g jew aktar ta' ingredjent attiv/L), l-iprodjon, formulazzjonijiet likwidi (konċentrat emulsjonabbli u konċentrat solubbli) li fihom id-diklorur tal-parakwat fil-livell ta' 276 g/l jew aktar, korrispondenti għall-jon tal-parakwat fil-livell ta' 200 g/L jew aktar, il-merkurju, il-bromur tal-metil u l-parakwat.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam

Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali ("il-Konvenzjoni") għandha l-għan li tippromwovi responsabbiltà kondiviża u sforzi kooperattivi fost il-Partijiet fil-kummerċ internazzjonali ta' ċerti sustanzi kimiċi perikolużi sabiex is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent jiġu mħarsa minn ħsara possibbli u jingħata kontribut għall-użu ambjentalment korrett tagħhom. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-24 ta' Frar 2004.

L-Unjoni Ewropea hija parti għall-Konvenzjoni¹.

2.2. Il-Konferenza tal-Partijiet

Stabbilita skont l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Partijiet (COP) hija l-korp ta' tmexxija tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam. Dan il-korp normalment jiltaqa' kull sentejn biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Huwa jirrieżamina wkoll is-sustanzi kimiċi mressqa għall-kunsiderazzjoni tiegħu mill-Kumitat ta' Reviżjoni dwar Kimika (CRC).

F'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, il-Partijiet huma meħtieġa jippreżentaw notifiki ta' azzjoni regolatorja finali biex l-użu ta' sustanza kimika fil-livell nazzjonali jiġi pprojbit jew strettament ristrett. Wara li s-Segretarjat jirċievi żewġ notifiki bħal dawn dwar l-istess sustanza kimika minn żewġ Partijiet li jagħmlu parti minn żewġ reġjuni tal-PIC differenti, dawk in-notifiki jiġu ppreżentati lis-CRC. Is-CRC għandu jirrieżamina dawk in-notifiki skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness II tal-Konvenzjoni u jadotta rakkomandazzjoni dwar l-elenkar tas-sustanza kimika rispettiva biex tiġi kkunsidrata mis-COP.

Barra minn hekk, kwalunkwe Parti li hija pajjiż li qed jiżviluppa jew pajjiż b'ekonomija fi tranżizzjoni u li tkun qed tesperjenza problemi kkawżati minn formulazzjoni ta' pestiċida perikoluża ħafna (SHPF) f'kundizzjonijiet tal-użu fit-territorju tagħha, tista' tippromovi li dik il-formulazzjoni ta' pestiċida perikoluża ħafna tiġi elenkata fl-Anness III tal-Konvenzjoni f'konformità mal-Artikolu 6(1). Is-CRC għandu jirrieżamina dawk il-proposti skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness IV tal-Konvenzjoni u għandu jadotta rakkomandazzjoni dwar l-elenkar tal-SHPF rispettiva biex tiġi kkunsidrata mis-COP.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/730/KE tal-25 ta' Settembru 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali (ĠU L 299, 28.10.2006, p. 23).

Il-proċedura għall-adozzjoni ta' emendi għall-Konvenzjoni hija rregolata mill-Artikolu 21 tal-Konvenzjoni, u l-proċedura għall-adozzjoni u l-emenda tal-Annessi hija rregolata mill-Artikolu 22. F'konformità mal-Artikolu 23 tal-Konvenzjoni, kull parti għandha vot wieħed. Madankollu, l-organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika bħall-UE jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw b'għadd ta' voti ugwali għall-għadd tal-Istati Membri tagħhom li huma partijiet għall-Konvenzjoni.

2.3. L-att previst tal-Konferenza tal-Partijiet

Fit-12-il laqgħa ordinarja, il-Konferenza tal-Partijiet se tikkunsidra l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġu elenkati l-aċetoklor, il-karbosulfan, il-klorpirifos, l-asbestos tal-krisotil, il-fentijon (ta' formulazzjonijiet b'volum ultra baxx (ULV) ta' 640 g jew aktar ta' ingredjent attiv/L), l-iprodjon, formulazzjonijiet likwidi (konċentrat emulsjonabbli u konċentrat solubbli) li fihom id-diklorur tal-parakwat fil-livell ta' 276 g/l jew aktar, korrispondenti għall-jon tal-parakwat fil-livell ta' 200 g/L jew aktar, il-merkurju, il-bromur tal-metil u l-parakwat fl-Anness III tal-Konvenzjoni.

L-elenkar fl-Anness III għandu l-effett li s-sustanzi kimiċi jiġu soġġetti għall-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem meta jiġu nnegożjati fil-livell internazzjonali. Dan se jirrikjedi li l-Partijiet jippreżentaw twegġibiet dwar l-importazzjoni lis-Segretarjat sabiex is-Segretarjat ikun jista' jagħmel dawk it-twegġibiet dwar l-importazzjoni disponibbli għall-Partijiet kollha. Il-Partijiet esportaturi se jkunu meħtieġa jirrispettaw it-twegġibiet dwar l-importazzjoni waqt l-esportazzjoni ta' dawk is-sustanzi kimiċi.

L-atti previsti se jsiru vinkolanti għall-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 22(5)(c) tal-Konvenzjoni, li jipprevedi li: *“Deċiżjoni biex temenda l-Anness III għandha fil-pront tkun ikkomunikata lill-Partijiet mid-Depożitarju. L-emenda għandha tidħol fis-seħħ għall-Partijiet kollha f'data li għandha tkun speċifikata fid-deċiżjoni”*.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-12-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam jenħtieġ li tkun li tappoġġa l-elenkar tal-aċetoklor, il-karbosulfan, il-klorpirifos, l-asbestos tal-krisotil, il-fentijon (ta' formulazzjonijiet b'volum ultra baxx (ULV) ta' 640 g jew aktar ta' ingredjent attiv/L), l-iprodjon, formulazzjonijiet likwidi (konċentrat emulsjonabbli u konċentrat solubbli) li fihom id-diklorur tal-parakwat fil-livell ta' 276 g/L jew aktar, korrispondenti għall-jon tal-parakwat fil-livell ta' 200 g/L jew aktar, il-merkurju, il-bromur tal-metil u l-parakwat fl-Anness III f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kumitat ta' Reviżjoni dwar Kimika (CRC).

F'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, il-Partijiet kienu ppreżentaw notifiki ta' azzjoni regolatorja finali biex l-użu tal-aċetoklor, il-karbosulfan, il-klorpirifos, l-asbestos tal-krisotil, l-iprodjon, il-merkurju, il-bromur tal-metil u l-parakwat fil-livell nazzjonali jiġi pprojbit jew strettament ristrett.

Barra minn hekk, il-Partijiet kienu ppreżentaw proposti biex jiġu elenkati l-fentijon (ta' formulazzjonijiet b'volum ultra baxx (ULV) ta' 640 g jew aktar ta' ingredjent attiv/L) u formulazzjonijiet likwidi (konċentrat emulsjonabbli u konċentrat solubbli) li fihom id-diklorur tal-parakwat fil-livell ta' 276 g/L jew aktar, korrispondenti għall-jon tal-parakwat fil-livell ta' 200 g/L jew aktar, fl-Anness III tal-Konvenzjoni f'konformità mal-Artikolu 6(1).

Is-CRC irrieżamina n-notifiki skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness II u l-proposti skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness IV tal-Konvenzjoni u kkonkluda li l-kriterji rilevanti kollha huma ssodisfati.

L-elenkar fl-Anness III għandu l-effett li s-sustanzi kimiċi jiġu soġġetti għall-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem meta jiġu nnegożjati fil-livell internazzjonali. Dan se jirrikjedi li l-Partijiet jippreżentaw tweġibiet dwar l-importazzjoni lis-Segretarjat sabiex is-Segretarjat ikun jista' jagħmel dawk it-tweġibiet dwar l-importazzjoni disponibbli għall-Partijiet kollha. Il-Partijiet esportaturi se jkunu meħtieġa jirrispettaw it-tweġibiet dwar l-importazzjoni waqt l-esportazzjoni ta' dawk is-sustanzi kimiċi.

Il-proposta tikkomplementa r-Regolament (UE) Nru 649/2012 li jimplementa l-Konvenzjoni ta' Rotterdam fl-Unjoni, u hija koerenti miegħu. Hija kompletament konformi mal-oġettiv tal-Konvenzjoni li jiġu promossi r-responsabbiltà kondiviża u l-isforzi kooperattivi fost il-Partijiet involuti fil-kummerċ internazzjonali ta' ċerti sustanzi kimiċi perikolużi sabiex is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent jiġu mħarsa minn ħarsa possibbli u jingħata kontribut għall-użu ambjentalment korrett tagħhom.

Il-proposta hija koerenti mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 peress li ma tinterferixxi mal-ebda deċiżjoni dwar it-tqegħid fis-suq ta' sustanzi kimiċi fl-Unjoni Ewropea.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”².

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Konferenza tal-Partijiet hija korp stabbilit permezz ta’ ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni ta’ Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali.

L-atti, li l-Konferenza tal-Partijiet qed tintalab tadotta, jikkostitwixxu atti li jkollhom effetti legali. L-atti previsti biex jiġi emendat l-Anness III se jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f’konformità mal-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni ta’ Rotterdam u jeħtieġ li jiġu implimentati fir-Regolament (UE) Nru 649/2012.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

² Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-baży ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwarhom tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew ikollu żewġ komponenti, u jekk wieħed minn daww l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq baży ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

Fir-rigward ta' att previst li jkollu għadd ta' objettivi f'daqqa, jew li jkollu diversi komponenti, li jkunu marbuta b'mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, il-baży ġuridika sostantiva ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE jkollha tinkludi, b'mod eċċezzjonali, id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-atti previsti għandhom objettivi u komponenti fil-qasam tal-“ambjent” u tal-“kummerċ”. Dawn l-elementi tal-atti previsti huma marbutin b'mod inseparabbli ma' xulxin u l-ebda wieħed minnhom ma huwa inċidentali għall-ieħor.

Għaldaqstant, il-baży ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija magħmula mid-dispożizzjonijiet li ġejjin: l-Artikolu 192(1) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-baży ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza tal-Partijiet fir-rigward tal-emendi tal-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali ("il-Konvenzjoni") ġiet konkluża mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (2006/730/KE)³ u daħlet fis-seħħ fl-24 ta' Frar 2004.
- (2) Skont l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Partijiet tista' tadotta deċiżjonijiet biex jiġu elenkati sustanzi kimiċi fl-Anness III tal-Konvenzjoni.
- (3) Fit-12-il laqgħa tagħha, il-Konferenza tal-Partijiet mistennija tadotta deċiżjonijiet biex jiġu elenkati l-aċetoklor, il-karbosulfan, il-klorpirifos, l-asbestos tal-krisotil, il-fentijon (ta' formulazzjonijiet b'volum ultra baxx (ULV) ta' 640 g jew aktar ta' ingredjent attiv/L), l-iprodjon, formulazzjonijiet likwidi (konċentrat emulsjonabbli u konċentrat solubbli) li fihom id-diklorur tal-parakwat fil-livell ta' 276 g/l jew aktar, korrispondenti għall-jon tal-parakwat fil-livell ta' 200 g/L jew aktar, il-merkurju, il-bromur tal-metil u l-parakwat fl-Anness III tal-Konvenzjoni.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet, billi d-deċiżjonijiet se jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (5) Biex jiġu promossi r-responsabbiltà kondiwiża u l-isforzi kooperattivi fost il-Partijiet fil-kummerċ internazzjonali ta' ċerti sustanzi kimiċi perikolużi sabiex is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent jiġu mħarsa minn ħsara possibbli u jingħata kontribut għall-użu ambjentalment korrett tagħhom, huwa meħtieġ li jiġu elenkati aktar sustanzi kimiċi li jkunu nstabu li jissodisfaw il-kriterji rilevanti kollha fl-Anness III tal-Konvenzjoni. Għaldaqstant huwa xieraq li jiġi appoġġat l-elenkar tal-aċetoklor, il-karbosulfan, il-klorpirifos, l-asbestos tal-krisotil, il-fentijon (ta' formulazzjonijiet b'volum ultra baxx (ULV) ta' 640 g jew aktar ta' ingredjent attiv/L), l-iprodjon, formulazzjonijiet likwidi (konċentrat emulsjonabbli u konċentrat solubbli) li fihom id-diklorur tal-parakwat fil-

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/730/KE tal-25 ta' Settembru 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali (ĠU L 299, 28.10.2006, p. 23).

livell ta' 276 g/l jew aktar, korrispondenti għall-jon tal-parakwat fil-livell ta' 200 g/L jew aktar, il-merkurju, il-bromur tal-metil u l-parakwat fl-Anness III tal-Konvenzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-12-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni u kwalunkwe Konferenza tal-Partijiet sussegwenti fejn il-punt ikun fuq l-aġenda, għandha tkun li l-Unjoni għandha tappoġġa l-adozzjoni tal-emendi tal-Anness III tal-Konvenzjoni fir-rigward tal-inklużjoni tal-aċetoklor, il-karbosulfan, il-klorpirifos, l-asbestos tal-krisotil, il-fentijon (ta' formulazzjonijiet b'volum ultra baxx (ULV) ta' 640 g jew aktar ta' ingredjent attiv/L), l-iprodjon, formulazzjonijiet likwidi (konċentrat emulsjonabbli u konċentrat solubbli) li fihom id-diklorur tal-parakwat fil-livell ta' 276 g/l jew aktar, korrispondenti għall-jon tal-parakwat fil-livell ta' 200 g/L jew aktar, il-merkurju, il-bromur tal-metil u l-parakwat.

Artikolu 2

L-irfinar tal-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1, fid-dawl tal-iżviluppi fit-12-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni u kwalunkwe Konferenza tal-Partijiet sussegwenti fejn l-elekar fl-Anness III tas-sustanzi kimiċi msemmija fl-Artikolu 1 ikun fuq l-aġenda, jista' jintlaħaq qbil dwaru mir-rappreżentanti tal-Unjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, matul il-laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President